# FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA) BĦALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

MAGISTRAT FRANCESCO DEPASQUALE

LL.D. LL.M. (IMLI)

**Il-Pulizija**
**(Spettur Melvyn Camilleri)**
**(Spettur Roderick Attard)**

**Vs**

**Carmel Bonnici**

**Kumpilazzjoni 496 / 18**

Illum, 6 ta' Awwissu 2018

**Il-Qorti,**

Wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat ta' 68 sena, iben Anthony u Mary nee Dimech, imwieled Birzebbuga nhar it-22 ta' Jannar, 1950, residenti gewwa 3, St. Catherine, Flat 1, Triq Sant'Anglu, Birzebbuga, detentur tal-karta tal-identita` **98650(M);**

U akkuzat talli nhar il-5 ta' Awwissuu 2018, gewwa Birzebbuga u/jew fi bnadi ohra, ghall-habta tas-saghtejn ta' wara nofsinhar (14.00hrs);

1. Bil-hsieb li jaghmel ferita ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Saviour Spiteri ID:409971M permezz ta' arma regolari jew bi strument li jaqta' jew iniggez,

wera il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-ezekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex ezegwit minhabba xi haga accidentali jew indipendenti mill-volonta tieghu;

2. B'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, ikkaguna offiza ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Kristen Carabott ID:14397M hekk kif iccertifikat Dr Angel Galdes (Med. Reg. 3813 liema offiza giet maghmula b'arma regolari jew bi strument li jaqta' jew iniggez;

3. Garr 'il barra minn xi fond jew ditorni tieghu xi sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija;

4. Filwaqt li kien qed jaghmel reat kontra l-persuna, kellu fuq il-persuna tieghu arma regolari jew munizzjon jew xi imitazzjoni ta' dawk l-oggetti u ma gabx prova xort'ohra li kien qed igorr l-istess arma regolari bi skop legittimu;

5. Volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet pubbliku.

Dehru l-ufficjali prosekuturi l-Ispettur Melvyn Camilleri u l-Ispettur Roderick Attard li qraw u halfu l-akkuzi migjuba fil-konfront tal-imputat.

Il-prosekuzzjoni ezebiet bhala dokumenti : l-istqarrija, rifjut ghall-ghajnuna legali, PIRS, certifikat tat-twelid, kopja tal-fedina penali, ricevuta tal-arma u certifikat mediku ta' Kristen Carabott.

L-imputat iddikjara li m'ghandux oggezzjoni ghall-arrest.

L-imputat irregistra ammissjoni.

L-imputat inghata zmien biex jikkonferma l-ammissjoni tieghu u rega' kkonferma tali ammissjoni.

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi u l-ligi, ossia tal-Art 216, 217, 221, 338 (dd) tal-Kap 9 u Art 6 u 55 tal-Kap 480 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-ammissjoni bikrija tal-akkuzat.

Fehmet illi l-akkuzat iddispjacih ta' dak li ghamel u kkopera bi shih mal-pulizija minnufih.

Jiddispjaciha tinnota li festi ta' celebrazzjonijiet jispiccaw lok ta' glied u divizjoni ta' partijiet flok attivita' ta' ghaqda bejn in-nies u tistieden lil kulhadd japprezza li l-firda ma taghmel gid lil hadd u kulhadd ghandu jirrispetta l-veduti u l-alleanzi ta' nies ohra, ghax dan huwa dritt li huwa ghandu.

Il-Qorti ssib lill-akkuzat hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu u wara li semghet lill-akkuzat jghid li jiddispjacih tal-akkadut qed issibu hati tal-akkuzi u tikkundannah piena karcerarja ta' sena sospizi ghal sentejn filwaqt illi qed tordnalu biex ghal perjodu ta' sena mil-lum ma jikkomunika bl-ebda mod ma' Savior Spiteri u Kirsten Carabott a tenur tal-Art 383 b'garanzija ta' elfejn euro.

**Francesco Depasquale**
**Magistrat**

**Rita Sciberras**
**Deputat Registratur**